MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 966/2005

**Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Luigia Zarb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Luigia Zarb ta' 49 sena, bint Carmelo u Tereza nee' Caruana, imwielda Hamrun fil-5 ta' Mejju, 1956 u residenti f' 2, Triq Sqaq Sant' Antnin, Hamrun u detentrici tal-karta tal-identita' numru 330956M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t' Ottubru 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li kisru l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda,

1. Ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’ qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi Lm1000 ghad-Detriment tal-Gvern ta’ Malta u diversi persuni ohra. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

3. Bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali, kemm ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, jew ghal skop iehor li ghandu x’ jaqsam ma’ l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

I. Xjentement jew bi traskuragni ghamlet dikjarazzjoni falza jew wriet haga b’ ohra;
II. Gabet jew tat, jew ikkagunat jew gieghlet jew xjentament halliet illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienet taf li kien falz f’ haga materjali jew;

III. Bi frodi naqset li tirraporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali, qabel ma rceviet il-hlas, xi bidla fic-cirkustanzi li ghandha jew tista’ jkollha konsegwenza materjali fuq ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 117 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. Taht l-Att dwar is-Servizzi ta’ l-Impjieg u Tahrig:

I. Tat xi taghrif li tkun taf li huwa falz f’ xi punt importanti, jew minghajr ma jimpurtaha tat xi taghrif li jkun falz, f’ xi punt importanti; jew

II. Bil-hsieb li tinganna ipproduciet, tat, baghtet jew xort' ohra ghamlet uzu minn xi dokument li jkun falz f' xi punt importanti; jew

III. Ghax trid, irrifjutat li taghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hija ghal-kariga taghha) ma tatx , xi taghrif importanti, u dan bi ksur ta' l-artikolu 48 tal-Kap. 343 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 553 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Ottubru 2005 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-27 ta' Lulju, 2007 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fedina penali relattivament netta ta’ l-imputata (esebita a folio 8 tal-process), u l-fatt li l-imputata ikkoperat bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 117 tal-Kap. 318 u l-Artikolu 48 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha tnax(12)-il xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------